# Dħalna ġo dar biex nistkennu mill-maltemp

Is-Sibt li għadda, jien u l-ħabib tiegħi Ġużeppi ħriġna dawra sal-pjazza tar-raħal għaliex konna ilna ftit ma niltaqgħu. Kemm konna qegħdin nieħdu gost inparlaw u niċċajtaw flimkien. Imma f'ħakka t'għajn rajna sħaba kbira u sewda riesqa lejna. Mill-ewwel indunajna x'kien ġej għalhekk ma ħsibnihiex darbtejn u tlaqna bil-ħsieb li nsibu xi mkien għall-kenn.

Ftit 'l  isfel mill-pjazza kien hemm dar qadima u abbandunata, għalhekk jien u Ġużeppi dħalna ġo fiha biex nistkennu ftit sakemm tgħaddi l-maltempata għax sadanittant kien laħqu nfetħu bwieb is-sema. Id-dar l-abbandunata kienet kwazi vojta ħlief għal xi siġġu nofsu mkisser u xi pitturi ta' xi nies li kienu għadhom imdendlin mal-ħitan tad-dar. Jien u Ġużeppi ddeċidejna li ninvestigaw naqra din id-dar għax għalkemm kienet ftit tal- biża', l-eċitament u l-kurżità għelbuna. Wara li flejna s-sular t'isfel, tlajna fuq fit-tieni sular. Hemmhekk ġo waħda mill-kmamar kien hemm dawl stramb u aħna ta' "eroj" li mingħalina konna dħalna biex naraw x'kien dak id-dawl.

Minn ġo lampa qadima u msadda li kienet għadha tnemnem, kien ħiereġ raġġ ta' dawl. Iżda, f'kemm trodd salib, id-dawl intefa u sfajna fi dlam taqtgħu b'sikkina. Inħsadna u twerwirna. Wara ftit sekondi smajna xi passi deħlin fil-kamra u xi ħadd reġa' xegħel il-lampa. Kienet tfajla ta' xi tlettax-il sena u kienet liebsa lbies ta' epoka mill-passat. Il-kamra ħadet bixra differenti; ma baqgħetx abbandunata iżda ħadet il-ħajja. Jien u Ġużeppi bqajna mbellhin. Ma flaħniex inlissnu kelma. Imma ħaġa tal-iskantament it-tfajla ma kinitx qed tagħti kasna jew tarana. Segwejniha sas-sular t'isfel fejn ilmaħna familja madwar mejda tal-ikel.

X'kien qed jiġri? Fejn spiċċajna? Madwar il-mejda kien hemm familja ta' ħames membri li kienu t-tfajla li konna diġà ltqajna magħha, żewġ subien iżgħar u l-omm u l-missier. Il-kċina kienet fuq stil antik. Flok forn kien hemm kenur u flok siġġijiet kien hemm xi banketti żgħar. Milli stajna nisimgħu t-tfajla kien jisimha Rita u mid-dehra kienet tfajla ubbidjenti u bieżla. Ħutha ż-żgħar kien jisimhom Mikiel u Pawlu. Mikiel donnu kellu xi għaxar snin u Pawlu kellu madwar ħames snin. Kienu pjuttost fuq ruħhom u kienu jinbxu lil xulxin. Televixin, mowbajls jew tablets ma kienx hemm imma l-membri tal-familja kienu qed jitkellmu bejniethom u kienu ferħanin. Bdew jirringrazzjaw lil Alla li l-gwerra kienet spiċċat u stajna naraw data mnaqqxa mal-ħajt li kienet l-elf disa' mija u tmintax. Dlonk intbaħna x'kien qed jiġri. Ġejna meħudin fil-passat b'xi qawwa maġika li ma stajniex nifhmu.

Il-problema kienet kif u jekk stajniex nerġgħu mmorru lura fi żmienna. Ġużeppi ġietu l-idea li nerġgħu nitilgħu fil-kamra u nitfu l-lampa bit-tama li nerġgħu nirritornaw lura. U hekk għamilna. Fil-fatt xħin tfejna l-lampa, indunajna li erġajna spiċċajna fid-dar abbandunata. Ġrejna kemm flaħna 'l barra u għalkemm kienet għadha nieżla x-xita bil-qliel, komplejna niġru lejn djarna!

Wegħidna lil xulxin li dan se jibqa' sigriet ta' bejnietna, għax min kien se jemmen din il-ġrajja? Imma aħna tassew konna morna lura lejn il-passat? Jew konna qed noħolmu?

*Ġanni Theuma*
Year 7 Amber